# Il-jum li fih kollox mar tajjeb (2)

**(Komponiment miktub waqt l-eżami għad-dħul fl-ewwel klassi tal-Junior Lyceum)**

**Ħadd ma jista' jobsor x'ikun se jiġri x'ħin iqum mis-sodda filgħodu. Kulħadd ikun jixtieq li jkollu ġurnata sabiħa u li jibqa' jiftakarha tul ħajtu kollha. Iżda aħna rridu nikkumbattu ċ-ċirkostanzi li nsibu ruħna fihom f'kull jum. Kultant iċ-ċirkustanzi jkunu koroh imma drabi oħra jkunu sbieħ ħafna.**

**Kien is-Sibt u minn sbieħ Alla bdejt il-ġurnata bit-tajjeb. Ommi qaltli li r-rota li kienu ordnawli wara ħafna żmien kienet waslet. Għalhekk minħabba li missieri ma kienx xogħol stajna mmorru dawra fil-kampanja. Kemm ħadt pjaċir meta rajt li kien hemm il-ħabiba tiegħi Katia. Hekk kelli ma' min nilgħab. Konna fis-seba' sema nduru qalb is-siġar bir-roti. X'ħin beda ġej il-ġuħ il-ġenituri ħaduni niekol f'restorant.**

**Hemmhekk kien hemm logħob għat-tfal u meta lgħabna *musical chairs* irbaħt u tawni pupa. Wara morna s'għand iz-ziju Frans fejn għomejt ġol-*pool* ma' Marija u Billy, il-kuġini tiegħi. X'ħin ix-xemx bdiet nieżla morna lura lejn id-dar. Jien inħsilt u nżilt isfel nara t-televixin. Inzertajt it-tlugħ tal-lottu. Konna se ntiru bil-ferħ x'ħin intbaħna li telgħu l-ħames numri li kien lagħab missieri. Ma ngħidlekx x'ma għamilniex.**

**Insomma, kienet ġurnata tal-għaġeb li żgur ma ninsa qatt. Ix-xorti kienet daħkitli tul il-jum kollu.**